



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2010/0273(COD)

28.11.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar
attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u li tirrevoka d-Deċiżjoni Qafas tal-
Kunsill 2005/222/ĠAI
(COM(2010)0517 – C7-0293/2010 – 2010/0273(COD))

Rapporteur: Kristiina Ojuland

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-opinjoni tappoġġja bil-qawwa l-hteġa ta' skambju ta' informazzjoni aħjar marbuta ma' ċibersigurtà bejn l-Istati Membri, fil-kuntest ta' tħassib li qed jiżdied dwar ċiberattakki possibbli. Teżisti urġenza reali biex il-kwistjoni ta' ċibersigurtà tiġi indirizzata fil-livell tal-UE u permezz ta' azzjonijiet koordinati tal-Istati Membri.

L-opinjoni tissottolinja r-rwol tal-Kummissjoni li tiffaċilita l-promozzjoni u l-koordinazzjoni ta' inizjattivi eżistenti.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u s-Sottokumitat għas-Sigurtà u d-Difiża jemmnu li l-hteġa urġenti ta' azzjoni biex tissaħħaħ il-kooordinazzjoni tar-reazzjonijiet, l-inizjattivi u l-programmi fil-livell tal-UE hija ta' importanza kbira. L-iżvilupp ta' kapaċitajiet u kollaborazzjoni aktar b'saħħitha biex jiżdied il-livell tas-sigurtà tal-informazzjoni, għandhom jiġu appoġġjati.

L-opinjoni tappoġġja l-idea tal-ħatra ta' Koordinatur ta' Ċibersigurtà tal-UE, sabiex jiffaċilita l-integrazzjoni u l-koordinazzjoni ta' attivitajiet u inizjattivi Ewropej differenti fil-livell tal-UE u fl-istituzzjonijiet kollha tal-UE.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jsir tqarrib tar-regoli tal-liġi kriminali fl-Istati Membri fil-qasam tal-attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni, u li tittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-awtoritajiet l-oħra kompetenti, inklużi l-pulizija u servizzi speċjalizzati oħrajn ta' infurzar tal-liġi tal-Istati Membri.

Emenda

(1) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jsir tqarrib tar-regoli tal-liġi kriminali fl-Istati Membri fil-qasam tal-attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni, u li tittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet l-oħra kompetenti, inklużi l-pulizija u servizzi speċjalizzati oħrajn ta' infurzar tal-liġi tal-Istati Membri ***u tal-Unjoni. Dan l-objettiv jiġfforma parti mill-istrateġija ġenerali tal-Unjoni biex tikkumbatti l-kriminalità***

organizzata, tiżgura n-netwerks tal-informazzjoni b'mod aktar effikaċi, tipproteġi l-infrastruttura ta' informazzjoni kritika u tissalvagwardja dejta.

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 1 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Is-sistemi tal-informazzjoni huma vitali għall-interazzjoni politika, soċjali u ekonomika fl-Unjoni. Is-soċjetà tiddependi dejjem aktar mis-sistemi tal-informazzjoni. Madankollu, minkejja l-benefiċċji ewlenin, jinkorporaw ukoll għadd ta' riskji għas-sigurtà tagħna minħabba l-kumplessità u l-vulnerabbiltà tagħhom għal diversi tipi ta' ċiberkriminalità. Għaldaqstant, is-sigurtà tas-sistemi tal-informazzjoni hija preokkupazzjoni kostanti u tirrikjedi reazzjonijiet effikaċi mill-Istati Membri u mill-Unjoni.

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) L-attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni, *partikolarment dawk li jirriżultaw mit-theddida tal-kriminalità organizzata*, jirrappreżentaw minaçċa li qed tikber, **u** qed jiżdied it-tħassib dwar il-potenzjal ta' attakki terroristiċi jew li huma mmotivati mill-politika kontra s-sistemi tal-informazzjoni li jagħmlu parti mill-infrastruttura kritika tal-Istati Membri u tal-Unjoni. Dan jikkostitwixxi theddida għall-kisba ta' soċjetà tal-informazzjoni aktar

(2) L-attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni jirrappreżentaw minaçċa li qed tikber. *Jistgħu joriġinaw mit-terroriżmu jew mill-kriminalità organizzata u jistgħu jitwettqu minn stati jew minn individwi.* Qed jiżdied it-tħassib dwar il-potenzjal ta' attakki terroristiċi jew li jkunu mmotivati mill-politika kontra s-sistemi tal-informazzjoni li jagħmlu parti mill-infrastruttura kritika tal-Istati Membri u tal-Unjoni. ***In-natura transkonfinali ta'***

sikura u ta' qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, u għalhekk jinħtieġ rispons fil-livell tal-Unjoni Ewropea.

ċertu ksur u r-riskji u l-ispejjeż relattivament baxxi għal min iwettaq reat, flimkien mal-benefiċċji potenzjalment kbar u l-ħsara li ssir, iżidu serjament ir-riskju ta' tali attacki. Dan jikkostitwixxi theddida għall-kisba ta' soċjetà tal-informazzjoni aktar sikura u ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u għalhekk jinħtieġ rispons *mhux biss* fil-livell tal-Unjoni Ewropea *iżda anke mill-komunità internazzjonali.*

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Hemm evidenza ta' tendenza għal attacki fuq skala kbira li qed isiru aktar perikolużi u rikorrenti, kontra s-sistemi tal-informazzjoni li huma kritiċi *għall-istati* jew għall-funzjonijiet partikolari fis-settur pubbliku jew privat. Din it-tendenza hija akkumpanjata mill-iżvilupp ta' għodod dejjem aktar sofistikati li jistgħu jintużaw minn kriminali sabiex jiġu mnedija ċiberattakki ta' tipi varji.

Emenda

(3) Hemm evidenza ta' tendenza għal attacki fuq skala kbira li qed isiru aktar perikolużi u rikorrenti, kontra s-sistemi tal-informazzjoni li huma kritiċi *għall-Istati Membri, għall-Unjoni* jew għall-funzjonijiet partikolari fis-settur pubbliku jew privat, *kif ukoll fil-livell tal-Unjoni.* Din it-tendenza hija akkumpanjata mill-iżvilupp *rapidu tat-teknoloġija tal-informatika u, b'riżultat ta' dan,* ta' għodod dejjem aktar sofistikati li jistgħu jintużaw minn kriminali sabiex jiġu mnedija ċiberattakki ta' tipi varji, *li wħud minnhom għandhom potenzjal kbir li jikkawżaw ħsara ekonomika u soċjali.*

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 4 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Għandha ssir valutazzjoni bir-reqqa, affidabbli u indipendenti tal-livell ġenerali tat-theddid ta' attacki kontra s-sistemi tal-informazzjoni. L-istituzzjonijiet

tal-Unjoni għandhom jaġġustaw il-livell tagħhom ta' sigurtà tal-informazzjoni skont dan.

Emenda 6

**Proposta għal direttiva
Premessa 4 b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4b) Tinħtieġ koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni bħala għajnuna biex jiġu integrati inizjattivi, programmi u attivitajiet differenti.

Emenda 7

**Proposta għal direttiva
Premessa 6**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pieni fir-rigward tal-attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(6) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pieni fir-rigward tal-attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni, **bħala parti minn ġabra usa' ta' strateġiji nazzjonali mfassla biex ikunu ta' deterrent għal attakki bħal dawn u biex jikkumbattuhom.** Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. **Minħabba n-natura transkonfinali tat-theddid, jeħtieġ li l-Istati Membri jallinjaw l-pieni tagħhom u għalhekk inaqqsu d-differenzi fit-trattament tal-ksur fl-Unjoni kollha.**

Emenda 8

**Proposta għal direttiva
Premessa 8 a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) Il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jistiednu lil dawk l-Istati Membri li għad iridu jirratifikaw il-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità tal-Kunsill tal-Ewropa, biex jirratifikawha bla dewmien.

Emenda 9

**Proposta għal direttiva
Premessa 11 a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) Il-kooperazzjoni min-naħa tal-awtoritajiet mas-settur privat u s-soċjetà ċivili hija ta' importanza kbira ferm biex jiġu evitati u miġġielda ċ-ċiberattakki. Jeħtieġ li jiġi stabbilit djalogu kontinwu magħhom, minħabba l-użu estensiv tagħhom tas-sistemi tal-informatika u l-ħtieġa ta' responsabbiltà kondiviża fl-iżgurar ta' sisemi affidabbli u funzjonali. Huwa importanti li titqajjem kuxjenza fost il-partijiet interessati kollha tas-sistemi tal-informatika, sabiex tinholq mentalità ta' sigurtà tad-dejta.

Emenda 10

**Proposta għal direttiva
Premessa 11b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11b) Inizjattivi u proġetti riċenti marbuta maċ-ċiberdifiża, bħal fl-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA), għandhom jiġu mħeġġa biex jappoġġjaw il-kapaċitajiet ta' ċiberdifiża tal-Istati Membri. Għandha tkun prevista kooperazzjoni eqreb kemm mal-EDA kif ukoll maċ-Ċentru

Kooperattiv ta' Eċċellenza għaċ-Ċiberdifiża (CCDCOE) tan-NATO, b'mod partikolari fil-qasam tal-bini tal-kapaċitajiet u tat-taħriġ.

Emenda 11

Proposta għal direttiva Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Tinħass il-ħtieġa li tinġabar id-dejta dwar ir-reati skont din id-Direttiva, sabiex tinkiseb stampa aktar kompluta tal-problema fil-livell tal-Unjoni u b'hekk tikkontribwixxi għall-formulazzjoni ta' reazzjonijiet aktar effettivi. Barra minn dan, id-dejta se tgħin lill-aġenziji speċjalizzati bħall-Europol u l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni sabiex jivvalutaw aħjar il-limitu taċ-ċiberkriminalità u l-istat tas-sigurtà tan-networks u tal-informazzjoni fl-Ewropa.

Emenda

(12) Tinħass il-ħtieġa li tinġabar id-dejta dwar ir-reati skont din id-Direttiva, sabiex tinkiseb stampa aktar kompluta tal-problema fil-livell tal-Unjoni u b'hekk tikkontribwixxi għall-formulazzjoni ta' reazzjonijiet aktar effettivi. ***L-Istati Membri għandhom iżidu l-iskambji ta' informazzjoni rigward iċ-ċiberattakki bl-appoġġ tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni.*** Barra minn dan, id-dejta se tgħin lill-aġenziji speċjalizzati bħall-Europol u l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni sabiex jivvalutaw aħjar il-limitu ***u l-impatt*** taċ-ċiberkriminalità u l-istat tas-sigurtà tan-networks u tal-informazzjoni fl-Ewropa. ***Għarfien aħjar tar-riskji attwali u futuri jippermetti li jittieħdu deċiżjonijiet li jkunu aktar effikaċi bħala deterrent għaċ-ċiberattakki u fil-ġlieda kontribom, jew biex titnaqqas il-ħsara konsegwenti.***

Emenda 12

Proposta għal direttiva Premessa 12 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12a) L-iskambju ta' informazzjoni u s-sħubijiet pubbliċi-privati (PPP) għandhom rwol importanti fit-titjib taċ-ċibersigurtà. Għalhekk, il-Kummissjoni

għandha teżamina l-fattibbiltà li ttipprovdi oqfsa jew strumenti biex il-PPPs jiġu meġġuna jikkooperaw ma' xulxin f'livell nazżjonali u f'dak tal-Unjoni, sabiex jiġu implimentati standards ta' kwalità tal-informazzjoni għall-interoperabbiltà, u biex jiġu żgurati l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali, is-separazzjoni tas-setgħat u s-superviżjoni demokratika.

Emenda 13

Proposta għal direttiva

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Xi lakuni u differenzi sinifikanti fil-liġijiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni jistgħu ikunu ta' tfixkil fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, u jistgħu jikkumplikaw il-kooperazzjoni effettiva tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'dan il-qasam. In-natura transnazżjonali u ta' mingħajr fruntieri tas-sistemi moderni tal-informazzjoni timplika li l-attakki kontra tali sistemi għandhom dimensjoni transkonfinali, u għalhekk tenfasizza l-ħtieġa urġenti għal aktar azzjoni biex issir l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni kriminali f'dan il-qasam. Barra minn dan, il-koordinazzjoni tal-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni għandhom jiġu ffaċilitati bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' kunflitt ta' ġurisidizzjoni fi proċedimenti kriminali.

Emenda

(13) Xi lakuni u differenzi sinifikanti fil-liġijiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni jistgħu ikunu ta' tfixkil fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, u jistgħu jikkumplikaw il-kooperazzjoni effettiva tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'dan il-qasam. In-natura transnazżjonali u ta' mingħajr fruntieri tas-sistemi moderni tal-informazzjoni timplika li l-attakki kontra tali sistemi għandhom dimensjoni transkonfinali, u għalhekk tenfasizza l-ħtieġa urġenti għal aktar azzjoni biex issir l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni kriminali f'dan il-qasam ***fil-livell tal-Unjoni. L-Unjoni għandha ttipprova tikseb ukoll kooperazzjoni internazzjonali akbar fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerks tad-dejta billi tikkollabora mill-qrib ma' organizzazzjonijiet oħra bit-termini ta' referenza rilevanti, bħan-Nazzjonijiet Uniti, in-NATO, il-Kunsill tal-Ewropa, jew l-OSKE u billi tinvolvi lil partijiet interessati internazzjonali oħra.*** Barra minn dan, il-koordinazzjoni tal-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni għandhom jiġu ffaċilitati bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' kunflitt ta'

ġurisidizzjoni fi proċedimenti kriminali.

Emenda 14

Proposta għal direttiva Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Din id-Direttiva **tirrispetta d-drittijiet** fundamentali u **tħares il-prinċipji** rrikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluża l-protezzjoni tad-dejta personali, il-libertà tal-kelma u l-informazzjoni, id-dritt għal proċess ġust, il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-drittijiet tad-difiża, kif ukoll il-prinċipji ta' legalità u proporzjonalità tar-reati kriminali u l-pieni. B'mod partikolari, din id-Direttiva trid tiggarrantixxi rispett sħiħ għal dawn id-drittijiet u l-prinċipji u għandha tiġi implimentata kif xieraq.

Emenda

(16) Din id-Direttiva **u kull applikazzjoni prattika tagħha jirrispettaw id-drittijiet** fundamentali, **b'mod partikolari d-dritt għall-privatezza**, u **jħarsu l-prinċipji** rrikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluża l-protezzjoni tad-dejta personali, il-libertà tal-kelma u l-informazzjoni, id-dritt għal proċess ġust, il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-drittijiet tad-difiża, kif ukoll il-prinċipji ta' legalità u proporzjonalità tar-reati kriminali u l-pieni. B'mod partikolari, din id-Direttiva trid tiggarrantixxi rispett sħiħ għal dawn id-drittijiet u l-prinċipji u għandha tiġi implimentata kif xieraq. ***In-natura libera u miftuħa tal-internet ma tintlaqatx ħażin b'din id-Direttiva.***

Emenda 15

Proposta għal direttiva Premessa 16 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16a) Il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jinsistu, f'negozjati u meta jkun qad jikkooperaw ma' pajjiżi terzi, fuq rekwiżiti minimi għall-prevenzjoni taċ-ċiberkriminalità u ċ-ċiberattakki u l-ġlieda kontrihom, kif ukoll fuq standards minimi għas-sigurtà tas-sistemi tal-informazzjoni.

Emenda 16

**Proposta għal direttiva
Premessa 16 b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16b) Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra alternattivi biex tiffaċilita u tgħin lil pajjiżi terzi fl-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom ta' ċibersigurtà u ċiberdifiża.

Emenda 17

**Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 2 a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-Kummissjoni għandha tgħin lill-Istati Membri fil-promozzjoni tar-reżiljenza u l-istabbiltà tal-internet u għandha twettaq attivitajiet oħra bl-għan li tinkiseb is-sigurtà tal-informazzjoni.

Emenda 18

**Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 2 b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. Il-Kunsill għandu jikkjarifika r-rwol tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà u tal-korpi l-oħra tiegħu fil-kuntest tal-ġestjoni ta' ċiberattakki potenzjali.

Emenda 19

Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 2 c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2c. L-Istati Membri għandhom itejbu l-iskambju ta' informazzjoni marbuta ma' ċibersigurtà. L-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, għandhom jippruvaw jinteraġixxu ma' pajjiżi terzi, speċjalment ma' dawk minn fejn l-attakki joriġinaw l-aktar spiss.

Emenda 20

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jibagħtu d-dejta miġbura lill-Kummissjoni. Huma għandhom jiżguraw ukoll li tiġi ppubblikata reviżjoni konsolidata ta' dawn ir-rapporti statistiċi.

3. Skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jibagħtu d-dejta miġbura lill-Kummissjoni. Huma għandhom jiżguraw ukoll li tiġi ppubblikata reviżjoni konsolidata ta' dawn ir-rapporti statistiċi **u li titressaq lill-Parlament Ewropew.**

Emenda 21

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Għandu jinħatar Koordinatur ta' Ċibersigurtà tal-Unjoni sabiex jiffaċilita l-integrazzjoni u l-koordinazzjoni tal-inizjattivi, il-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni fl-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni.

PROCĊEDURA

Titolu	Attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u revoka tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/222/ĠAI
Referenzi	COM(2010)0517 – C7-0293/2010 – 2010/0273(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 7.10.2010
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 7.4.2011
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Kristiina Ojuland 29.3.2011
Data tal-adozzjoni	22.11.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 38 -: 8 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Sir Robert Atkins, Frieda Brepoels, Elmar Brok, Marietta Giannakou, Andrzej Grzyb, Takis Hadjigeorgiou, Anna Ibrisagic, Othmar Karas, Ioannis Kasoulides, Tunne Kelam, Evgeni Kirilov, Andrey Kovatchev, Eduard Kukan, Krzysztof Lisek, Sabine Lösing, Ulrike Lunacek, Barry Madlener, Francisco José Millán Mon, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Raimon Obiols, Justas Vincas Paleckis, Ioan Mircea Paşcu, Cristian Dan Preda, Libor Rouček, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Jacek Saryusz-Wolski, Werner Schulz, Marek Siwiec, Charles Tannock, Inese Vaidere, Kristian Vigenin, Sir Graham Watson
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Laima Liucija Andrikiene, Elena Băsescu, Tanja Fajon, Diogo Feio, Monica Luisa Macovei, Emilio Menéndez del Valle, György Schöpflin, Traian Ungureanu, Ivo Vajgl, Renate Weber, Janusz Władysław Zemke
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Luís Paulo Alves, Sylvie Guillaume, Vladimir Urutchev